07.03.2011

# Treasures of Malta - Landscapes

The Philatelic Bureau of MaltaPost p.l.c. continues its series of ‘Treasures of Malta’ with the issue of a philatelic commemorative set of three stamps on the 9th of March 2011.

The philatelic stamps will feature some of Malta’s cultural and unique landscapes which are Valletta, Manoel Island and Cittadella. An amount of 1,200,000 stamps will carry a face value of €0.19, 500,000 stamps will carry a face value of €0.37, whilst 50,000 stamps will carry a face value of €1.57. The stamps are designed by local artist Edward Said. The size of the stamps is 44.0mm x 31.0mm with a perforation of 13.9 x 14.0(comb). All stamps have been offset printed on Maltese Crosses watermarked paper by Printex Limited and are available in sheets of 10.

The €0.37 stamp depicting the Manoel Island will form part of the third in series of the joint stamp issue titled "Beautiful Corners of Europe 3” in the SEPAC Collection (Small European Postal Administrations Cooperation). The SEPAC collection will include a special folder containing the 12 SEPAC stamps issued this year from each member postal administration. The SEPAC issues are aimed to highlight member countries and promote philately. SEPAC members are the postal administrations of Aland Islands, Faroe Islands, Greenland, Guernsey, Iceland, Isle of Man, Jersey, Liechtenstein, Luxembourg, Malta, Monaco, and Gibraltar.

The philatelic commemorative set Treasures of Malta – “Landscapes” will be available as from Wednesday 9th March from all MaltaPost branches in Malta and Gozo, from the Mobile PostOffice and from the Philatelic Bureau.

For more information about this set and pre-orders of this issue can be done through the Philatelic Bureau (tel. no: 2596 1740, email: philately@maltapost.com , postal address: 305, Triq Ħal-Qormi, Marsa MTP 1001)

07.03.2011

# Treasures of Malta – Landscapes

Il-Bureau Filateliku tal-MaltaPost p.l.c. se jkompli s-serje 'Treasures of Malta' bil-ħruġ ta' sett filateliku kommemorattiv ta' tlett bolli fid-9 ta' Marzu 2011.

Il-bolli filateliċi se juru ftit mill-pajsaġġi kulturali u uniċi ta' Malta li jinkludu l-Belt Valletta, Manoel Island u ċ-Ċittadella. Ammont ta' 1,200,000 bolla se jkollhom valur ta' €0.19, 500,000 bolla se jkollhom valur ta' €0.37 u 50,000 bolla se jkollhom valur ta' €1.57. Il-bolli huma ddisinjati mill-artist Edward Said. Id-daqs tal-bolla hu 44.0 x 31.0 b'perforazzjoni ta' 13.0 x 14.0 (comb). Il-bolli huma stampati bil-proċess offset minn Printex Limited fuq karta bil-watermark tas-Salib ta' Malta u jistgħu jinkisbu f'folji ta' 10.

Il-bolla tas- €0.37 li turi x-xena ta' Manoel Island se tifforma parti mit-tielet fis-serje tal-*joint stamp issue* bit-titlu "Beautiful Corners of Europe 3" fil-kollezzjoni tas-SEPAC (Small European Postal Administrations Cooperation). Il-kollezzjoni tas-SEPAC se tinkludi folder speċjali bi 12-il bolla tas-SEPAC li ħarġu din is-sena minn kull amministrazzjoni tal-membri postali. Il-ħruġ tal-bolli SEPAC huma maħsuba li jagħtu enfasi lill-pajjiżi membri u jippromwovu l-filatelija. Membri tas-SEPAC huma l-amministrazzjonijiet postali tal-Gżejjer Aland, tal-Gżejjer Faroe, ta' Greenland, tal-Guernesey, tal-Iżlanda, tal-Isle of Man, ta' Jersey, tal-Liechtenstein, tal-Lussenburgu, ta' Malta, ta' Monaco u tal- Ġibilta'.

Is-sett filateliku kommemorattiv Treasures of Malta – "Landscapes" se jkun jista' jinkiseb mill-Erbgħa 9 ta' Marzu minn kull fergħa tal-MaltaPost f'Malta u f'Għawdex, mill-Mobile Post Office u mill-Bureau Filateliku.

Għal aktar informazzjoni fuq dan is-sett u kif tista' tordnah minn qabel tistgħu tikkuntatjaw lill-Bureau Filateliku (Tel. 2596 1740, email: philately@maltapost.com, jew f'305, Triq Ħal Qormi, Marsa MTP 1001).